# 1 MINUTI

2 GVERN LOKALI TA' XBIEX

3 IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 40

IL-ĦAMIS 1 TA' OTTUBRU 2015 FIS-6.00 TA' FILGĦAXIJA

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| MATTHEW DIMECH | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

- Dwar tindif ta' *culverts*, is-Sindku qal li hemm xi *culverts* li nistgħu narawhom mal-ħaddiema tal-IPSL biex jitnaddfu. Huwa infurmat illi l-ħaddiema IPSL ma jixtieqgħux jgħamluhom minħabba raġunijiet ta' igene, imma nhar it-Tnejn stess, il-Viċi Sindku ser imur magħhom u forsi jiftehmu kif jista isir it-tindif xorta waħda.

- Dwar l-attivita 'Ta' Xbiex Fun Run' is-Sindku qal li din ser issir nhar il-Ħadd 18 ta' Ottubru 2015. Tibda fid-disgħa ta' filgħodu min quddiem il-Whitehall Mansions.

  Id-donazzjoni ta' kull parteċipant ser tkun ta' €10. Dawn ser jingħataw lill-ALS Malta.

  Il-Kunsill qabel fuq budget ta' bejn €750 u €1000 għal din l-attivita'.

- Is-Sindku qal biex ngħidu l-avukat jiverifikalna u jgħidilna meta ħa tisejjaħ l-appell għat-tender tal-manutenzjoni fuq toroq u bankini.

  Il-Kunsill qabel li naraw jekk nistgħux legalment naħdmu ma wieħed mill-kuntratturi involuti fl-appell sakemm dan jiġi deċiż.

- Tqajjmet id-diskussjoni dwar persuna li qed jgħamel applikazzjoni mal-MEPA fuq *fixed kiosk* fi Triq ix-Xatt Ta' Xbiex. Din hija applikazzjoni ta' *sanctioning* sabiex jirregolarizza ruħu mal-awtoritajiet kompetenti. Din l-applikazzjoni tinkludi ukoll *public convenience* li l-applikant ser ikollu jibni mal-*fixed kiosk*.

  T Castelletti u G Muscat oġġezzjonaw li din tiġi diskussa llum, u dan peress li ħadd mill-Kunsilliera għadu ma eżamina l-pjanti tal-propost *fixed kiosk*. Huma ukoll ma jaqblux li l-*fixed kiosk* għandu jkun hemm peress li qiegħed jaħli postijiet ta' parkeġġ hemm. Ma jaqblux li għandu jkun hemm *sanctioning* ta' dan il-*fixed kiosk* ukoll bi prinċipju, ġa la darba ilhu żmien twil jopera mingħajr il-permessi neċessarji.

Is-Sindku qal li ma jdejqux li qiegħed hemm dan il-kiosk preżentament, u jaqbel li jiġi regolariżżat, għax wara kollox, jekk jiġi *sanctioned* għal fixed kiosk ser ikun hemm latrina publika fl-inħawi. Is-Sindku, R Portelli u F Roe qablu li jgħatu l-approvazzjoni tagħhom lill-Transport Malta li jiġi *fixed kiosk*. T Castelletti u G Muscat ma qablux.

- Is-Sindku qal li beda l-proċess għar-riklutaġġ ta' skrivan/a. Bdew deħlin l-*applications* tal-lista tal-ETC.

  Il-Kunsill qabel li l-*interviewing board* ikun mgħamul mis-Sindku, R Portelli, T Castelletti u G Muscat. Għandu jkun hemm ukoll osservatur indipendenti fuq il-Bord.

- Dwar il-laqgħa tal-ECAD, ġie ikkonfermat li tilgħin is-Sindku, G Muscat u F Roe. Il-prezz totali tal- *flights* ser jiġu €250, u l-akkomodazzjoni ukoll mhux ha tiġi għalja. Il-Kunsill qabel li dawn r-rappreżentanti tal-Kunsill jieħdu żewġ t'iljieli *subsistence allowance*.

  Is-Sindku fakkar ukoll li mar-rappreżentanti tal-Kunsill, ser jitilgħu ukoll rappreżentanti tal-Caritas Malta.

- Dwar l-manutenzjoni estensiva li saret fil-Berġa, s-Sindku qal li huwa flimkien ma Anna Micallef, innegozjaw u rnexxielhom iġibu b'xejn żewġ *airconditions* ġodda.

- Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-proġett li qed jiġi iffinanzjat mill-PARKS, dak ta' pjanti u siġar ġodda fil-lokal. Il-Kunsill qabel li l-qsari ġodda jinżebgħu, u dan avolja ser inkunu deħlin għal spiża ta' manutenzjoni ta' żebgħa maż-żmien.

- Is-Sindku qal li G Muscat kien inkarigat isib il-pjanti ta' proġett li kien pjanat fi Triq ir-Rampa fi żmien amministrazzjoni preċedent. Imma dawn qatt ma instabu, anke meta is-Segretarju saqsa għalihom mad-Dipartiment tax-Xogħlijiet.

- T Castelletti qal li dan il-Kunsill mhux jonfoq fondi in-naħa l-oħra ta' Ta Xbiex. Jidher illi l-maġġoranza ta' dan il-Kunsill irid jonfoq biss in-naħa tal-Housing Estate biss. Is-Sindku ma qabilx, u qal li anzi kien inkariga lil G Muscat isib il-pjanti li kienu saru għal-Triq ir-Rampa għax jemmen li dan huwa proġett li jgħolli l-livell tal-lokal.

  Is-Sindku propona li l-perit tal-Kunsill jgħamel pjanti għall-*embellishment* ta' Triq ir-Rampa.

  Il-Kunsill iżda qabel li l-ewwel jiprova jerġa iġibhom G Muscat mill-Works Department, u wara l-Kunsill jiddeċiedi min hemm.

  G Muscat hawn propona li l-bankini ta dik in-naħa tal-lokal jibdew isiru aktar aċċessibli, anke qabel ikollna kuntrattur. Eżempju, hemm arbli tad-dawl f'nofs il-bankini li jistgħu jitneħħew u/jew jiġi mmexxija fil-ġenb tal-bankina.

- Is-Sindku propona li nqabbdu lil perit tal-Kunsill jgħamel il-pjanti tal-Housing Estate Blocks A. Dawn bħala preparamenti għall-proġett għas-sena id-dieħla. Il-Kunsill qabel.

## 2. Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet

Is-Sindku ressaq il-lista ta' pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni.

Il-pagamenti tal-kontijiet ġew approvati u iffirmati.

## 3. Rapport mill- Kunsilliera

G Muscat – Dwar il-*Europe for Citizens programme*, qal li saret laqgħa fejn fuq intervent tiegħu ġie iċċarat li l-MEUSAC jistgħu jgħamlulna l-applikazzjonijiet huma b'xejn għall-proġetti iffinanzjati mill-programmi tal-Unjoni Ewropeja.

Is-Sindku qal li bil-konsulent preżenti tagħna, nkunu aktar effiċjenti, għax fl-interess tiegħu li jitħallas u għaldaqstant japlika fil-ħin.

Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 9.43pm

Max Zammit
Sindku

Matthew Dimech
Aġent Segretarju Eżekuttiv